**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 9 ta' Novembru, 2017**

**Rikors Guramentat Nru: 181/2013 AF**

**Il-Kaptan Stojsic Branislav**

**vs**

**Philip Degiorgio u Marthese Degiorgio**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Philip u Marthese konjuġi Degiorgio li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Nhar l-Erbgha 20 ta' Frar 2013, huma gew notifikati bl-ittra ufficjali fuq imsemmija – li kopja fotostatika taghha tinsab hawn annessa bhala Dokument A – u li in forza taghha l-mittenti Kaptan Stojsic Branislav interpellahom sabiex ihallsu s-somma ta' mija, sitta u hamsin elf, hames mija u sitta u erbghin Ewro (EUR156,546) oltre l-imghax legali skond kambjala tat-22 ta' Ottubru 2008 annessa mal-istess ittra ufficjali u in oltre gew avzati illi l-istess kambjala kienet ser tigi reza bhala titolu ezekuttiv kemm il-darba l-intimati Degiorgio (rikorrenti fil-prezenti rikors) ma jurux lil din il-Qorti li jezistu

ragunijiet gravi u validi sabiex jopponu l-ezekuzzjoni ta' din il-kambjala.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Huma l-istess rikorrenti – intimati fl-ittra ufficjali – li huma kredituri tal-Kaptan Stojsic Branislav u mhux vice versa stanti illi huma hallsu lura lill-istess ferm aktar milli rcevew minghandu u dana anki meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-imghaxijiet imhallsa. Bhalma ser jirrizulta fi stadju ulterjuri, il-pagamenti saru fil-maggoranza taghhom permezz ta' depoziti bankarji fil-kont bankarju tal-istess Kaptan Branislav gewwa l-HSBC Bank Malta plc u dana apparti minn pagamenti ohra fi flus kontanti. Il-pagamenti kollha in kwistjoni jammontaw flimkien ghas-somma ta' mija u disa' u sittin elf, hames mija u sitt Ewro u disgha u disghin centezmu (EUR169,506.99) u dan kif jirrizulta mill-anness prospett dokument B.

2. L-imsemmi Kaptan Branislav huwa persuna mhux residenti gewwa Malta u m'ghandu l-ebda licenzja mill-Bank Centrali ta' Malta sabiex jislef u wisq anqas sabiex jislef f'munita estera u b'imghaxijiet enormi u uzurarji kalkolati wkoll "at compound interest". Dan kollu jirrizulta mid-dokumenti iffirmati wkoll mill-istess allegat kreditur liema dokumenti jigu esebiti mill-konjugi Degiorgio fiz-zmien propizju.

3. Ir-rikorrenti konjugi Degiorgio qeghdin fil-process illi jistitwixxu proceduri f'dina l-Qorti sabiex jiehdu rifuzjoni tal-flus indebitament imhallsa minnhom lil Kaptan Branislav u dana oltre ghall-proceduri kriminali relattivi li ser jigu istitwiti minhabba l-proceduri uzurarji mehuda minnu fil-konfront taghhom u minhabba wkoll il-ksur tal-ligijiet l-ohra kollha opportuni.

Ghaldaqstant in forza tal-premess, ir-rikorrenti jitolbu illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tissospendi l-esekuzzjoni tal-kambjala fuq imsemmija annessa mal-ittra ufficjali tat-18 ta' Frar 2013.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li l-intimat Stojsic Branislav baqa' ma ressaq ebda twegiba.

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju inkarigata mill-Qorti diversament presjeduta.

Rat li l-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta sabiex tkompli tinstema' u tinqata'.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti.

Rat li l-intimat ma ressaq ebda nota ta' sottomissjonijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija proċedura ai termini tal-artikolu 253(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili fejn kambjali jew *promissory notes* maħruġa skont il-Kodiċi tal-Kummerċ jitqiesu bħala titoli eżekuttivi sakemm il-Qorti kompetenti, skont il-valur tal-kambjala jew *promissory note*, b'digriet li ma jkunx appellabbli, ma tkunx issospendiet l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew *promissory note* kollha jew f'parti minnha u sew suġġett għall-garanzija kif ukoll mingħajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew *promissory note* kif fuq imsemmi, u li għandu jsir fi żmien għoxrin jum min-notifika tal-ittra uffiċjali li tintbagħat biex tirrendi l-istess kambjala jew *promissory note* eżegwibbli, minħabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew *promissory note* ma tkunx tagħha jew tal-mandatarju tagħha jew fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni, u f'dak il-każ, biex persuna teżiġi l-ħlas ta' dik il-kambjala jew *promissory note* tkun trid tipproċedi b'kawża skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-Kaptan Stojsic Branislav ipproċeda skont il-liġi sabiex jesegwixxi l-kambjala tat-22 ta'

Ottubru 2008 fl-ammont ta' €156,546 in kwantu li jgħid li dan l-ammont jirrappreżenta somom li ta lir-rikorrent *b'self brevi* manu kif ukoll l-imgħax li ddekorra fuq is-somom hekk mislufa.

In linea ta' prinċipju ġenerali, kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet Giovanni Briffa vs Ronald Azzopardi tal-5 ta' Frar 2008 dwar l-artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta:

> *"Illi minn qari akkurat ta' l-imsemmi sezzjoni jidher car li hemm zewg bazi ghaliex l-ezekuzzjoni tal-kambjala tista' tigi sospiza u cioe` li l-firma ma tkunx tal-persuna jew mandatarju taghha u sekondarjament fejn dik il-persuna tressaq ragunijiet ohra gravi u validi ghall-oppozizzjoni ta' l-ezekuzzjoni. F'dak il-kaz il-persuna li tezigi l-hlas tkun trid tipprocedi b'kawza skond id-dispozizzjoni tal-Kodici tal-Kummerc. Il-ligi ma tispecifikax x'inhuma r-ragunijiet gravi u fil-fehma tal-Qorti dan ma sarx b'xi nuqqas tal-legislatur izda intenzjonatament ghax il-legislatur ried ihalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti f'liema kazijiet ikollha quddiemha l-Qorti ghandha tilqa' t-talba jew le. Certament li r-raguni valida m'ghandhiex tkun wahda frivola ghax kif tghid l-istess ligi hlief fil-kaz tal-firma r-raguni trid tkun gravi u valida u dan jaghmilha cara li persuna ma tistax kapriccozament topponi tali ezekuzzjoni.*
>
> *Izda min-naha l-ohra l-legislatur ma eliminax ir-ricerka li ssir f'kawza skond id-dispozizzjonijiet tal-Kodici tal-Kummerc izda l-artikolu 253(e) u proviso tieghu gie rez bhala procedura (prima facie) diskrezzjonali f'idejn il-Qorti, bazat naturalment fuq ragunijiet validi u gravi. Huwa veru li mkien fil-ligi ma jinstab il-kliem prima facie izda kien ikun bla sens li l-Qorti tidhol fid-dettalji kollha tal-proceduri soliti meta hekk jew b'hekk dawk il-proceduri ma gewx eliminati mil-legislatur, b'mod li jirrendi l-applikazzjoni gusta tal-ligi tittiehed f'dan is-sens."*

Iċ-ċirkostanzi ta' din il-vertenza huma serji ħafna. Ir-rikorrent Degiorgio kien jissellef il-flus u jiffirma kambjali biex jiggarantixxi l-ħlas lura ta' dawn il-flus. Dan mhuwiex kontestat. Li hu kontestat huwa l-ammont misluf, in kwantu li

r-rikorrent jgħid illi l-Kaptan Branislav tah biss madwar LM31,000, illum €72,210.58, filwaqt illi l-Kaptan Branislav jikkontendi li s-self kien ta' madwar €200,000 f'munita Deutchmark, Dollaru Amerikan kif ukoll Lira Maltija bejn is-snin 2000 u 2004. Jeżistu allura diverġenzi kbar dwar jekk humiex dovuti l-flus riklamati mill-Kaptan Branislav in kwantu li r-rikorrenti jikkontendu li lill-Kaptan Branislav huma ħallsuh aktar milli huwa dovut lilu, għaliex matul is-snin ħallsuh l-ammont ta' €169,506.99, filwaqt illi da parti tiegħu, il-Kaptan Branislav jgħid illi diġà rċieva mingħand ir-rikorrenti l-ammont ta' €178,000 u jonqsu jitħallas l-ammont riklamat oltre l-imgħax legali.

Minkejja li din il-Qorti ssibha diffiċli sabiex temmen li r-rikorrent issellef biss madwar €72,000, mhuwiex kontestat bejn il-partijiet illi l-ftehim oriġinali bejniethom kien fis-sens illi l-imgħax fuq l-ammont misluf kellu jkun ta' 12% li imbagħad ġie ridott għall-10% u finalment għal 8%. Il-Kaptan Branislav jikkonferma li l-imgħax mhux imħallas baqa' jakkumula. Dan ifisser illi l-ammont mitlub minnu u li dwaru tirreferi l-kambjala mertu ta' dawn il-proċeduri, tikkontjeni wkoll ammont ta' imgħax bl-użura.

Hawn il-Qorti trid toqgħod ferm attenta milli tesprimi l-opinjoni tagħha dwar il-kwistjoni tal-użura, għax tali riċerka tispetta lil din il-Qorti f'azzjoni *ad hoc* wara li jiġu mressqa l-provi kollha rilevanti. Madanakollu, fl-istess waqt, sabiex tara jekk jeżistux dawk l-elementi gravi u validi neċessarji ghall-proċedura odjerna, il-Qorti għandha l-obbligu li tesprimi d-dubji ferm serji taghha dwar dan il-każ, speċjalment fid-dawl tal-ammissjoni tal-Kaptan Branislav stess. Anke fl-azzjoni kambjarja, il-Qrati rritenew li l-użura tista' sservi ta' element li jiġi indagat jekk il-kambjala hija mċappsa bl-użura (ara Joseph Mary Farrugia vs Gontram Borg noe deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fil-15 ta' Novembru 1985). Ma' dan jidħol ukoll dubju dwar il-mod kif kienu jsiru l-pagamenti.

In vista tal-ammissjoni tal-Kaptan Branislav dwar l-imgħax, din il-Qorti tista' tieqaf hawn, għaliex jirriżultawlha raġunijiet gravi biżżejjed sabiex tordna s-sospensjoni tal-kambjala. Madanakollu, din il-Qorti ma tistax ma tesprimix id-dubji serji

tagħha wkoll dwar il-mod kif ġie kkalkulat l-ammont allegatament dovut lill-Kaptan Bransilav mill-*accountant* Cleavan Attard li jgħid li fil-kalkolu tiegħu ħadem bir-rata ta' imgħax ta' 8% mill-bidu sal-aħħar, u sorprendentement wasal għall-istess ammont li wasal għalih il-Kaptan Branislav li da parti tiegħu ħadem bl-imgħax ta' 12% u 10% sas-sena 2004 qabel ir-rata ta' imgħax ġiet imnaqqsa għal 8%. B'żieda ma dan kollu, mhuwiex spjegat għalfejn dawn il-kalkoli saru fuq l-ammont ta' €153,387.66 meta l-Kaptan Branislav stess jgħid li lir-rikorrent silfu ammont akbar.

Fid-dawl ta' dawn l-incertezzi kollha speċjalment l-allegazzjonijiet ferm serji ta' użura, liema allegazzjonijiet il-Qorti m'hijiex tal-fehma li jistgħu jiġu kkunsidrati fil-fond fi proċeduri bħal dawk odjerni, iwasslu lill-Qorti għall-konklużjoni li jeżistu f`dan il-każ ċirkostanzi gravi biżżejjed li jimmeritaw studju ulterjuri fi proċeduri *ad hoc* skont id-dispozizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ.

Għaldaqstant u għal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qiegħda tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjala li kopja tagħha ġiet annessa mal-ittra uffiċjali bin-numru 508/2013 tat-18 ta' Frar 2013.

In vista taċ-ċirkostanzi tal-każ, l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

IMHALLEF

DEP/REG